MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 7/2012

**Fort Reality Limited operatrici tad-ditta ‘Remax Property Centre’**

**Vs**

**Marco Attard u ghal kull interess li jista’ jkollha martu Anna Attard**

Il-Qorti,

Permezz ta’ l-Avviz odjern, is-socjeta’ attrici qeghdha titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta’ erbat elef mija u tlieta u ghoxrin Euro (€4,123) flimkien ma’ l-imghax bit-tmienja (8%) minn Mejju 2011 sad-data tal-hlas relattiv. L-ammont dovut jirrapprezenta hlas ta’ senserija dovut mill-konvenut bhala venditur fuq bejgh ta’ appartament fi Triq is-Salina, Marsalforn, Ghawdex, favur certu Philip Muscat, u dan kif regolat bi ftehim iffirmat mill-

partijiet (kopja annessa KC1). Illi skond l-istess ftehim il-konvenut intrabat li jhallas is-somma ta' erbat elef mija tlieta u ghoxrin Euro (€4,123) bhala hlas ta' senserija ghal dan is-servizz. Illi, inoltre', fil-fatt il-konvenut Attard fl-24 ta' Ottubru 2011 kien hareg cekk mill-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' tlett elef erba' mija u erba' u disghin Euro (€3,494) intestat fuq l-isem 'Remax', bi hlas in parti ta' din is-senserija, liema cekk ma giex onorat;

Illi minkejja diversi weghdi l-konvenut Attard ma hallasx l-ammont kollu dovut ta' erbat elef mija u tlieta u ghoxrin Euro (€4,123).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 70/2012 ipprezenta fil-21 ta' Gunju 2012.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. It-talba hija ntempestiva u dana stante li kien miftiehem bejn il-partijiet li minkejja li dan l-ammont effettivament huwa dovut, il-kumpanija rikorrenti kellha tikkoncedi zmien lill-intimati sabiex dawn ikunu jistghu jbieghu proprjeta' ohra sabiex ikunu jistghu jeffettwaw il-pagament;

2. Inoltre', fuq l-imsemmi ammont m'ghandhomx jiddekorru nteressi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

Illi fir-risposta taghhom il-konvenuti jammettu li l-ammont mitlub huwa dovut.

Illi fis-seduta tallum id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li waslu ghall-ftehim bonarju u qablu li tinghata sentenza li tirrifletti l-istess ftehim.

Illi l-partijiet ftehmu li l-intimat jigi koncess zmien sal-31 ta' Marzu 2013 sabiex ihallas l-ammont mertu ta' dan l-avviz, b'dan illi l-interessi ghandhom jiddekorru bir-rata ta' 8% favur tar-rikorrenti mid-data ta' l-ittra ufficjali mibghuta fil-21 ta' Gunju 2012.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef mija u tlieta u ghoxrin Euro (€4,123), b'dan illi l-konvenuti ghandhom sal-31 ta' Marzu 2013 sabiex ihallsu l-ammont dovut. Bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) dekoribbli mill-21 ta' Gunju 2012 sad-data tal-hlas relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 70/2012 prezentata fil-21 ta'Gunju 2012 a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------